MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru 1257/2011

Il-Pulizija
(Spettur Robert Said Sarreo)

vs

Alfred Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 961245M akkuzat talli:

a. fil- 11 ta’ Mejju 2011 ghall-habta tas- 2.30pm gewwa l-font 63, Triq San Leonardu, Zabbar, ikkawza ugiegh, tbatija jew sofferenza fuq annimal, u cioè sparajt fuq il-qattusa ta’ Nicholas Azzopardi, detenur tal-karta ta’ l-

identita’ bin-numru 614091 M, u ikkaguna feriti kif iccertifikat mill-veterinarju Dr. Kevin Camilleri.

Il-Qorti mitluba li f’kas ta’ htija tghati il-piena stabbilita’ fil-ligi u tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* fil- waqt li thassar jew tissospendi licenzja/I mahruga taht l-Att dwar l-armi u tipprojbixxi lil persuna ta’ Alfred Camilleri milli jkollu xi licenzja u dan skond Art 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu ssibu hati.

Rat l-Artikolu 8(2) u 45 tal-Kap 239 u l-Artikolu 23 tal-Kap 9.

Tikkundannah sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum oltre li tordna l-konfiska tal-arma.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------